C/2024/5548

18.9.2024

Sommarju tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni

tat-23 ta' Mejju 2024

dwar proċedura skont l-Artikoli 101 u 102 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

(Il-Każ AT.40632 – RESTRIZZJONIJIET TAL-KUMMERĊ GĦAL MONDELEZ)

(notifikat bin-numru tad-dokument C(2024) 3313 final)

(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)

(C/2024/5548)

Fit-23 ta' Mejju 2024, il-Kummissjoni adottat Deċiżjoni li tirrigwarda proċedura skont l-Artikoli 101 u 102 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 30 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 ([1]), il-Kummissjoni qiegħda hawnhekk tippubblika l-ismijiet tal-partijiet u l-kontenut prinċipali tad-deċiżjoni, inkluża kull penali imposta, fid-dawl tal-interess leġittimu tal-impriżi fil-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali tagħhom.

INTRODUZZJONI

(1) Din id-Deċiżjoni tinħareġ skont l-Artikoli 101 u 102 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-"Trattat") u hija indirizzata lil Mondelēz International, Inc., Mondelez Europe GmbH u Mondelez Middle East & Africa FZE (minn hawn 'il quddiem f'daqqa "Mondelēz"). Mondelēz hija kumpanija dinjija tal-ikel u x-xorb iffukata fuq il-prodotti tal-ikel ħfief (snacks), li flimkien mas-sussidjarji tagħha hija attiva f'aktar minn 150 pajjiż, bil-kwartieri ġenerali tagħha fl-Istati Uniti. Mondelēz tbigħ ħelu taċ-ċikkulata taħt firxa ta' ditti (inklużi Milka, Côte d'Or, Toblerone, Cadbury, Marabou, Daim, Mirabell u Suchard) u gallettini taħt ditti oħra (Oreo, Belvita, LU, Prince, Ritz, TUC, LiGa, Mikado). Sal-2015 Mondelēz kellha għadd ta' ditti tal-kafè (HAG, Jacobs, Velours Noir).

(2) Waqt perjodi differenti, bejn it-18 ta' Diċembru 2006 u s-7 ta' Marzu 2020, Mondelēz irrestrinġiet il-kummerċ parallel ta' diversi gallettini, prodotti taċ-ċikkulata u tal-kafè permezz ta' 22 ftehima/prattika miftiehma li jirrestrinġu bi skop il-kompetizzjoni, kontra l-Artikolu 101(1) TFUE, u permezz ta' żewġ abbużi bil-pożizzjoni dominanti tagħha f'ċerti swieq nazzjonali fil-bejgħ ta' biċċiet sħaħ taċ-ċikkulata, bi ksur tal-Artikolu 102 TFUE.

PROĊEDURA

(3) Il-Kummissjoni nediet dan il-każ *ex officio* fl-2019. F'Novembru 2019, il-Kummissjoni wettqet spezzjonijiet għall-għarrieda fil-bini ta' Mondelēz fl-Awstrija (Vjenna), fil-Belġju (Mechelen) u fil-Ġermanja (Bremen). Il-Kummissjoni nediet proċedimenti formali kontra Mondelēz fit-28 ta' Jannar 2021.

(4) Waqt l-investigazzjoni, Mondelēz esprimiet interess li tibda diskussjonijiet ta' kooperazzjoni mal-Kummissjoni. Fi [...] ([2]), Mondelēz ippreżentat is-sottomissjoni ta' soluzzjoni għat-tilwima skont il-proċedura ta' kooperazzjoni.

(5) Fis-7 ta' Marzu 2024, il-Kummissjoni adottat Dikjarazzjoni tal-Oġġezzjonijiet (DO). Fit-22 ta' Marzu 2024, Mondelez wieġbet għad-DO, u kkonfermat li din tirrifletti l-kontenut tas-sottomissjoni ta' soluzzjoni għat-tilwima tagħha u li tixtieq tkompli l-proċedura ta' kooperazzjoni taħt dawk il-kundizzjonijiet.

(6) Il-Kumitat Konsultattiv fil-qasam tal-Prattiki Restrittivi u tal-Pożizzjonijiet Dominanti ħareġ opinjoni favorevoli fil-15 ta' Mejju 2024.

(7) Il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni fil-23 ta' Mejju 2024.

([1]) ĠU L 1, 4.1.2003, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 411/2004 (ĠU L 68, 6.3.2004, p. 1).

([2]) "Partijiet minn dan it-test ġew editjati biex jiżguraw li l-informazzjoni kunfidenzjali ma tkunx żvelata. Dawn il-partijiet inbidlu b'sommarju mhux kunfidenzjali f'parenteżi kwadri jew huma murija bħala [...]."

IL-FATTI

Sommarju tal-ksur

(8) Id-Deċiżjoni tidentifika dawn it-tipi prinċipali ta' restrizzjonijiet:

(a) ftehimiet jew prattiki miftiehma li jipprevjenu lil ċerti distributuri u negozjanti esklużivi (magħrufa wkoll bħala "sensara") milli jbigħu lil klijenti barra mit-territorji minn fejn xtraw il-prodotti mingħand Mondelēz; il-klijenti kienu ristretti f'termini ta' territorji li fihom setgħu jbigħu, jew ta' klijenti li lilhom setgħu jbigħu; f'każ wieħed il-klijent u Mondelēz qablu wkoll li l-klijent ibigħ prodotti maħsubin għall-esportazzjoni barra mit-territorju tiegħu bi prezzijiet ogħla meta mqabbla ma' dawk domestiċi;

(b) Mondelēz unilateralment qatgħet il-bejgħ ta' biċċiet sħaħ taċ-ċikkulata lil klijent sabiex ma tħallihx ibigħhom mill-ġdid fl-Istati Membri fejn Mondelēz kellha pożizzjoni dominanti;

(c) Id-Deċiżjoni ta' Mondelēz li tneħħi ċerti biċċiet sħaħ taċ-ċikkulata tad-ditta Côte d'Or mis-suq fin-Netherlands biex tipprevjeni lil bejjiegħ bl-imnut Olandiż milli jixtri l-biċċiet sħaħ taċ-ċikkulata fin-Netherlands biex jerġa' jbigħhom fil-ħwienet tiegħu fil-Belġju, fejn Mondelēz talbet prezzijiet ogħla lill-klijenti fil-livell ta' konsumatur tagħha.

Destinatarji u tul ta' żmien

(9) Din id-deċiżjoni hija indirizzata lil Mondelēz International, Inc. Barra minn Mondelēz International, Inc., kemm Mondelez Europe GmbH kif ukoll Mondelez Middle East & Africa FZE rispettivament inżammu b'mod konġunt responsabbli *in solidum* ma' Mondelēz International, Inc., minħabba li eżerċitaw influwenza determinanti fuq is-sussidjarji li pparteċipaw direttament fil-ksur.

(10) It-tul tal-ksur dam għal periodi ta' żmien differenti fil-perjodu bejn it-18 ta' Diċembru 2006 u s-7 ta' Marzu 2020.

MULTI

(11) Id-deċiżjoni tapplika l-Linji Gwida tal-2006 dwar il-Multi ([3]).

L-ammont bażiku tal-multa

(12) Fl-iffissar tal-multi, il-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni l-valur tal-bejgħ ta' Mondelēz tal-prodotti rilevanti taċ-ċikkulata, tal-gallettini jew tal-kafè waqt l-aħħar sena sħiħa kummerċjali ta' kull ksur.

(13) Il-Kummissjoni qieset li l-imġiba ta' ksur tikkonsisti fi ksur intenzjonat ta' regola ċara u fundamentali biex is-suq intern ma jinqasamx tul il-fruntieri nazzjonali u li l-Kummissjoni kienet diġà ssanzjonat prattiki simili fil-passat. Barra minn hekk, il-ksur jikkonċerna prodotti li għandhom impatt dirett fuq il-konsumaturi. Meta jitqiesu dawn il-fatturi u fid-dawl taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ, il-proporzjon tal-valuri tal-bejgħ li għandu jitqies ġie stabbilit għal 10 %.

Tariffa

(14) L-abbozz tad-Deċiżjoni ma japplikax tariffa.

Ċirkustanzi aggravanti jew mitiganti

(15) Ma hemm l-ebda ċirkustanza aggravanti jew mitiganti f'dan il-każ.

([3]) ĠU C 210, 1.9.2006, p. 2.

Multiplikatur ta' deterrenza

(16) L-abbozz tad-Deċiżjoni jinkludi "multiplikatur ta' deterrenza" xieraq ta' 1.1. Dan huwa konformi ma' deċiżjonijiet oħra li jinvolvu kumpaniji b'fatturat globali simili (ta' madwar EUR 30 biljun).

Limitu fuq il-fatturat

(17) Il-multa ma taqbiżx l-10 % tal-fatturat dinji totali ta' Mondelēz għal kwalunkwe ksur tagħha.

Skont għall-kooperazzjoni

(18) Id-Deċiżjoni tikkonkludi li l-multa għandha titnaqqas bi 15 %. Mondelēz, fis-sottomissjoni ta' soluzzjoni għat-tilwima tagħha, irrikonoxxiet il-fatti, il-kwalifika legali tagħhom u r-responsabbiltà għall-ksur, kif deskritt fl-abbozz tad-Deċiżjoni. Mondelēz uriet l-interess tagħha li tikkoopera qabel l-adozzjoni tad-Dikjarazzjoni ta' Oġġezzjonijiet. It-tnaqqis mhuwiex ogħla minħabba li Mondelēz bdiet tikkoopera biss fi stadju meta l-Kummissjoni kienet fil-bidċa l-kbira lestiet l-investigazzjoni tagħha u kienet qed taħdem fuq id-DO. Barra minn hekk, Mondelēz ma ppreżentat l-ebda evidenza addizzjonali li tipprovdi valur miżjud sinifikanti għall-investigazzjoni jew li tamplifika t-tul ta' żmien, l-ambitu ġeografiku jew tal-prodott tal-ksur u li jiġġustifikaw skont ogħla għall-kooperazzjoni.

Konklużjoni

(19) Mondelēz kisret l-Artikoli 101 u 102 TFUE billi involviet ruħha f'24 każ ta' ksur differenti bl-għan li tikkompartimentalizza s-suq intern tal-UE.

(20) L-ammont finali tal-multa imposta fuq Mondelēz skont l-Artikolu 23(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 jammonta għal EUR 337 522 800.